

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jikkostitwixxi l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, u konsegwentement tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata f'dan ir-rigward;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-Artikolu 277 TFUE u fil-kuntest tiegħu r-rikorrenti tinvoka l-invalidità tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006, li jifforma l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tibbaża s-sistema tal-allokazzjoni tal-kwoti fuq valuri ta' referenza li jirriżultaw minn data tal-passat fir-rigward tal-gassijiet F imqiegħda fis-suq mill-2009 sal-2012, minħabba li dan jikkostitwixxi qsim diskriminatorju u arbitrarju tal-impriżi skont l-attività tagħhom fil-passat fis-suq tal-gassijiet, u għaldaqstant ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata f'dan ir-rigward.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u ksur tat-Trattat peress li ngħataw raġunijiet inadegwati għall-introduzzjoni tas-sistema tat-tqassim tal-impriżi attivi fis-suq tal-gassijiet F abbażi tal-valuri għall-gassijiet F imqiegħda fil-passat fis-suq mill-2009 sal-2012, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2019 — Oosterbosch vs Il-Parlament

(Kawża T-131/19)

(2019/C 148/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Marc Oosterbosch (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

## Talbiet

Ir-rikorrent jitolb li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

konsegwentement:

- tannulla d-“deċiżjoni kkontestata” magħmula mir-rendikonti tar-remunerazzjoni għax-xhur ta’ Marzu, April u Ġunju 2018;
- tiddikjara l-annullament, jekk ikun hemm bżonn, tad-deċiżjoni tas-6 ta’ Novembru 2018 li tiċħad l-ilment;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta’ legalità u ta’ ċertezza legali u fuq eċċezzjoni ta’ illegalità: id-deċiżjoni kkontestata ttieħdet b’applikazzjoni ta’ regoli interni u ta’ dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li huma illegali.

---

## **Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Frar 2019 — Ashworth vs Il-Parlament**

**(Kawża T-132/19)**

(2019/C 148/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### **Partijiet**

*Rikorrent:* Richard Ashworth (Lingfield, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Schmitt u A. Waisse, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tgħaqqad din il-kawża mal-kawża ppreżentata minn Salvador Garriga Polledo u 45 persuna oħra kontra l-Parlament Ewropew fid-19 ta’ Frar 2019 (Kawża T-102/91) abbażi tal-Artikolu 68 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali mill-fatt tal-konnessjoni ta’ dawn iż-żewġ kawżi;
- sa fejn ikun meħtieġ, inkwantu miżuri ta’ organizzazzjoni tal-proċedura jew miżuri istruttorji tal-kawża, tikkundanna lill-Parlament Ewropew jipproduċi l-pariri maħruġa mis-servizz legali tal-Parlament Ewropew, li kienu ngħataw fis-16 ta’ Lulju 2018 kif ukoll fit-3 ta’ Diċembru 2018, bl-ħsara għad-data eżatta, iżda fi kwalunkwe każ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Bureau tal-Parlament fl-10 ta’ Diċembru 2018 li temenda l-Miżuri ta’ Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2018, C 466, p. 8, iktar il quddiem il-“miżuri ta’ implimentazzjoni”);
- tannulla d-deċiżjoni ċċitata iktar ‘il fuq meħuda mill-Bureau tal-Parlament fl-10 ta’ Diċembru 2018 li temenda l-Miżuri ta’ Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, sa fejn temenda l-Artikolu 76 tal-miżuri ta’ implimentazzjoni (premessi 5 u 6, Artikolu 1(7)) u l-Artikolu 2 sa fejn jikkonċerna l-Artikolu 76 tal-miżuri ta’ implimentazzjoni tad-deċiżjoni ċċitata iktar ‘il fuq, jew inkella, sa fejn tistabbilixxi l-imposta ta’ 5 % fuq il-pensjonijiet pagabbli mill-1 ta’ Jannar 2019 jew inkella, jekk l-elementi ċċitati iktar ‘il fuq ma kinux ikkunsidrati bħala diviżibbli mill-bqija tal-att ikkontestat, tannulla d-deċiżjoni ċċitata iktar ‘il fuq fl-intier tagħha.